# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

# IMĦALLEF

# ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn, 30 ta' Jannar, 2023**

**Kawza Nru : 1**

**Rikors Nru: 32/2023 ISB**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttivi Nru. 435/2022, 698/2022 u 1256/2022 fl-ismijiet:**

**Edwin Zammit et**

**VS**

**Saviour Casha et**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Maria Stella sive Marisa Damato (ID 872650M) tal-11 ta' Jannar 2023 u d-dokumenti annessi mieghu.

Rat id-Digriet taghha tar-13 ta' Jannar 2023 minn fejn jirrizulta illi r-rikors kellu jigi notifikat lill-intimati b'ghaxar t'ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-Risposta ta' Edwin Zammit et tal-25 ta' Jannar 2023.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-25 ta' Jannar 2023 fin-12:30pm.

Rat l-atti l-ohrajn kollha.

**Ikkunsidrat**:

Illi bir-rikors taghha, Maria Stella sive Marisa Damato titlob lil din il-Qorti illi tirrevoka fis-shih il-mandati ta' sekwestru bin-numri 435/2022, 698/2022 u 1256/2022 sa fejn dawn jirreferu ghalija filwaqt illi jibqghu impregudikati ghall-bqija.

Illi hija titlob dan wara illi tispjega illi hija kienet ccitata bhala intimata f'Rikors mahluf (kawza) bin-numru 103/2008JZM, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Frar 2020. Hija tispjega illi kien gie pprezentat appell, izda dan gie rtirat.

Issa hija tispjega illi minkejja illi hija kienet ilha sa mis-sena 2001 illi bieghet is-sehem taghha mill-proprjeta' mertu tal-kawza msemmija, b'dana kollu is-sentenza ghal kawza mibdija fis-sena 2008 giet taghmel stat anke fil-konfront taghha.

Hija issostni illi hija fl-impossibilita' illi tezegwixxi s-sentenza moghtija stante illi mhix wahda mis-sidien tal-proprjeta' mertu tal-kawza msemmija, u ghalhekk hija ma ghandiex tkompli tigi milquta bl-effetti tal-istess sentenza. Bl-istess mod issostni illi lanqas ma ghandha tigi kolpita b'mandati ezekuttivi mahruga in segwitu ghas-sentenza msemmija, senjatament il-Mandati fu msemmija.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**:

Illi l-intimati jilqghu ghal dan billi jghidu illi r-rikors huwa null peress illi ma jelenkax dak li irid l-Artikolu 281 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia ir-raguni ghar-revoka msejjsa fuq raguni valida fil-ligi, tant illi t-talba mressqa hija marbuta purament mal-mertu u procedure bhal dawn ma jistghu qatt jergghu jifthu l-mertu.

Isostnu illi ma hemm ebda difett fil-forma tal-Mandati ezekuttivi msemmija u u lanqas ma jirrizulta illi inhargu minn Qorti zbaljata – tant illi l-anqas ir-rikorrenti ma hi qed tikkontendi dan.

Jghidu ukoll illi s-sentenza msemmiija taghmel stat bejn il-partijiet, inkluz ir-rikorrenti, u kwindi kien legittimu illi jinharrgu l-Mandati ezekuttivi annke fil-konfront taghha. Jghidu illi l-appell taghha stess mar desert u fi kwalunkwe kaz, dak li kienet ser tittenta targumenta fl-Appell mis-sentenza li ghaddiet in gudikat, qed tipprova taghmlu hawn.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**:

Illi dwar il-fatti li jaghtu lok ghal din il-procedura jidher illi hemm qbil bejn il-partijiet. Huwa pacifiku jinghad illi fis-sena 2008 giet intavolata kawza mill-hawnekk intimati, Edwin Zammit et, u fil-kawza intima bhala konvenuta/intimata lill-hawnekk rikorrenti Damato. Dan sar minkejja illi fis-sena 2001 l-imsemmija

Damato kienet ttrasferiet is-sehem taghha mill-proprjeta' mertu tal-kawza lil terzi.

Illi fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, ghalkemm kien hemm minn mill-intimati li ma giex ikkundannat, pero` l-hawnekk rikorrenti kellha kundanna flimkien ma' intimati l-ohra. Jirrizulta illi tressaq appell li pero` gie rtirat jew mar dezert u ghalhekk is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Frar 2020 ghaddiet in gudikat.

Jirrizulta ukoll illi in segwitu ghal dan kollu, l-hawnekk intimati intavolaw l-Mandati ezekuttivi illi hawnekk qed jigu kkontestat fil-kuntest tat-talba maghmula.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

L-**Artikou 281 tal-Kap 12**

Dan l-artiklu jiddisponi hekk:-

> *Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.*

Illi hija gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna li li l-għan li għaliha ddaħħlet il-proċedura taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju[1].

Ghalhekk mhuwiex permess li ssir indagni fuq il-mertu li wassal ghall-hrug tal-mandat ezekuttiv. Anzi ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet

[1] Dan gie enunjcat ripetutament u awtorevolment mill-Qrati taghna fil-kazijiet: Prim' Awla - A.A.S.K. Enterprises Limited (C-32035) vs MORE Supermarkets (Fgura) Limited (C-61496) (Rik Nru: 28/2015/J ZM) Dec 12/02/2015; Prim Awla - Victor Fenech vs Anthony Fountain et (Rik Nru: 1818/11/MB) Dec 20/06/2012; Prim Awla - Car Care Products Lmited vs John Bugeja et (Rik Nru: 1248/2009/GC) Dec 12/02/2010; Rik. Nru. 154/19TA Prim Awla - Ian Bartoli noe vs A Gatt trading Ltd (C-2384) et (Rik Nru: 1044/2010/AE) Dec 02/08/2011; Appell Inferjuri - Awtorita' Marittima ta' Malta kontra Polidano Brothers Limited (Rik Nru: 91/2007/1/Philip Sciberras) Dec 09/01/2008; Prim Awla - Edward Pavia vs Michael Sultana et (Rik Nru: 287/2005/PA/JRM) Dec 05/05/2005; Appell Civili - Briffa vs Stones Proterties Limited noe (Kollez. Vol: LXXXIV.ii.1401) Dec 01/12/2000

ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ[2].

Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata <u>bla ħsara għal kull jedd ieħor</u> taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra.

Ultejrorment, dak li huwa tassew meħtieġ li jintwera minn min jinqeda bi proċedura bħal din hu l-eżistenza ta' "**raġuni valida skont il-liġi**". Ma nsibu l-ebda tifsira ta' "*raguni valida skont il-ligi*" fid-disposizzjoni imsemmija.

Madankollu, in ġenerali, jista' jingħad li Mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma[3], bħal meta jinħareġ kontra persuna ħażina jew persuna b'oħra. Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, **fl-artikolu 836**, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawża preżenti m'huwiex Mandat kawtelatorju.

Illi din il-linja twassal lill-Qrati taghna biex jirritjenu li l-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel dwar it-talba mressqa quddiemha għandu jkun wieħed fil-parametri stretti tal-azzjoni kif proposta. Xogħol il-Qorti f'din il-proċedura huwa li tara li tagħmel ħaqq mal-partijiet għaliex wara kollox, fi proċedura bħal din, ikun hemm dejjem xi titolu eżekuttiv (bħal sentenza, taxxa ġudizzjarja jew kuntratt) li minnu nnifsu jkun stabilixxa l-mertu tal-kwestjoni. Din il-Qorti, fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, ma tinbidilx f'Qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun[4].

Huwa evidenti ghal din il-Qorti ghalhekk, illi t-talba tar-rikorrenti kif mreqqsa f'dawn il-proceduri ma tistghax tregi u ma tikkwalifikax fit-termini ta' dak illi jrid l-Artikolu 281 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta. It-talba tar-rikorrenti hija bbazata fuq fatti illi gja gew diskussi u determinati fil-kawza msemmija u deciza fis-27 ta' Frar 2020 u l-Qorti tqis illi kien legittimu ghall-intimati Zammit illi jressqu l-Mandati Ezekuttivi in segwitu ghas-sentenza msemmija illi ghaddiet in gudikat.

Il-Qorti tqis ukoll illi mhux qed jigi kkontestat illi l-intimati Zammit ghandhom titolu ezekuttiv fil-konfront tar-rikorrenti – ir-rikorrenti ssostni biss illi l-kawza msemmija ma kellha tasal qatt biex tikkundanna lilha responsabbli versu l'hawnekk intimati, hemmek rikorrenti.

---

[2] Ara, per eżempju, App. Ċiv. 1.12.2000 fil-kawża fl-ismijiet Briffa vs Stones Properties Ltd. noe (Kollez. Vol:LXXXIV.ii.1401) u App. Ċiv. 25.5.2001 fil-kawża fl-ismijiet K.T.I. vs Serge (Kolleż. Vol: LXXXV.ii.414)

3 AJM 14.11.1994 fil-kawża fl-ismijiet Josephine Spiteri vs Anthony Perry et (degriet interlokutorju)

[4] 527/2019LSO Avukat Norval Desira noe vs Avukat Roberto Montalto noe 27.06.2019

Il-Qorti tqis ukoll illi minn mkien ma jirrizulta illi hemm xi kontestazzjoni dwar il-forma jew il-Qorti illi harrget l-istess Mandati Ezekuttivi.

**GHALDAQSTANT**, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, il-Qorti qed tghaddi biex **tichad** it-talba ta' Maria Stella sive Marisa Damato kif kontenuta fir-rikors taghha tal-11 ta' Jannar 2023.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Moqri fil-miftuh nhar it-Tnejn, 30 ta' Jannar 2023.

**Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**